MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 553/2002

**Elmo Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mary Rose Camilleri u l-istess Mary Rose Camilleri**

**vs**

**Carmel Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fis-16 ta' Settembru, 2002 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma komplessiva ta' elfejn mitejn tlieta u sebghin lira disgha u ghoxrin centezmu (Lm2273.29) [Lm2248 lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm25 lill-attrici Mary Rose Camilleri] in linea ta' danni minnu kkagunati u minnhom sborsati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Safi fis-27 ta' Ottubru,

2001, meta waqt li huwa kien qed isuq vettura numru KAO 365 habat mal-vettura numru EBG 502 proprjeta' ta' l-attrici Mary Rose Camilleri u misjuqa minnha – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident huwa kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Lulju, 2002 u bl-imghax legali mis-26 ta' Lulju, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident u konsegwenti danni allegatament sofferti mill-atturi.

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u huwa ghalhekk ukoll kontestat.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fis-27 ta' Ottubru, 2001 bejn il-vettura transit KAO 365 misjuq mill-konvenut u t-Toyota EBG 502 misjuq minn Mary Rose Camilleri. L-incident gara Hal Safi ghal habta tal-hdax u ghoxrin ta' filghodu (11:20a.m.) fl-inkrocju ta' bejn St John Street, u St Paul Street.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut hareg minn St John Street biex jaqsam St Paul Street u jibqa' sejjer ghal Hal Kirkop, mentri Mary Rose Camilleri kienet qieghda ssuq ghad-dritt go St Paul Street.

Irrizulta wkoll illi l-konvenut hareg minn kontra l-*one way.*

Dan gie konfermat mill-konvenut stess fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti meta jghid illi meta gie fil-kantuniera, naqqas il-velocita' tal-vettura tieghu, izda ma waqafx u baqa' hiereg bil-mod. Fil-pront tfaccat il-karozza l-ohra misjuqa minn Camilleri li baqghet diehla fih u mbaghad habat gol-hajt. Minn barra l-kontravenzjoni li l-konvenut saq kontra l-*one way,* il-Qorti ssib li dan ghandu hafna x'jirrispondi ghal dan l-incident, bil-mod ghal kollox irresponsabbli kif ippretenda li johrog minn go side street, u jaqsam main road. Il-Qorti hadet l-impressjoni li l-konvenut donnu ried jippadronixxa t-triq u ma jimportahx mir-regolamenti jew mill-utenti l-ohra tat-triq. Hija mod ferm irresponsabbli illi mhux talli tohrog kontra l-one way, talli lanqas tieqaf f'kantuniera biex tesplora t-triq u tara tistax taqsam minghajr perikolu ghal haddiehor.

L-allegazzjoni tal-konvenut illi Mary Rose Camilleri kienet qieghda ssuq b'velocita' pjuttost elevata, assolutament ma tirrizultax. Il-Qorti ma tifhimx kif il-konvenut jista' jaghmel din l-allegazzjoni meta fi kliemu stess ighid li nduna bil-karozza ta' Camilleri mal-habta. Mill-bqija s-sewqan tal-konvenut huwa tant irresponsabbli u palezament kontra r-regolamenti tat-traffiku, li l-Qorti ftit hemm aktar x'tikkummenta dwaru.

Minnahha l-ohra l-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fis-sewqan ta' Mary Rose Camilleri illi kienet qieghda ssuq ghad-dritt u bir-ragun kollu ma setghetx tissoponi li kontra l-one way kien ser johrog xi hadd b'dak il-mod l-aktar irresponsabbli kif ghamel il-konvenut. Ghal dawk li huma d-danni l-Qorti taghmel referenza ghal dokumenti, invoices u rcevuti esibiti f'dawn l-atti minnfejn jirrizulta li t-talba ta' l-atturi ghandha tkun konfermata.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku illi gara fis-27 ta' Ottubru, 2001, f'Hal Safi bejn St John Street u St

Paul Street  bejn il-karozza transit KAO 365 misjuqa mill-konvenut u t-Toyota EBG 502 misjuqa mill-attrici Mary Rose Camilleri.

Tillikwida d-danni dovuti lill-atturi fl-ammont ta' elfejn mitejn tlieta u sebghin lira disgha u ghoxrin centezmu (Lm2273.29) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data  tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------